KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 365**

**It-Tnejn 14 ta' Jannar, 2019**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier (daħal fis-7.00pm)
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**365.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Dr. Mark Anthony Vassallo.

**365.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-minuti tas-Seduta preċedenti.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

365.2.1 364.5.1 Is-Sindku qalet li f'laqgħat bejn il-Kunsill Lokali, WSC u Infrastructure Malta qed jiġu diskussi toroq minn fejn se jħaddu servizzi mill-WSC b'fondi tal-UE, biex fjn mhux se jingħata wiċċ ġdid lit-triq kollha, isiru xogħolijiet minn Infrastructure Malta sabiex issir il-bqija tat-triq.
365.2.2 Hemm qbil fil-prinċipju li jsir dan u l-Kunsill Lokali se jkompli jlaqqa' lill-entitajiet sabiex ikomplu diskussjonijiet.

365.2.4 364.5.2 Is-Sindku qalet li hija nfurmata li t-toroq li TM applikat biex tingħata fondi tal-UE għalihom, ġew approvati, iżda ġiet nfurmata li għadu għaddej proċess ta' tendering għal xi wħud minnhom.

364.8 Riward it-titjib tal-isqaqien tal-bdiewa, il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li ser ifakkar il-Ministeru kkonċernat għal għajnuna fil-fondi.

**365.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

365.3.1 Is-Sindku irreferiet għar-rapport mill-Ombudsman fuq claim minn terzi ta' ħsara fil-vettura kkaġunat minn ħofra. L-Ombudsman propona li l-Kunsill jagħti rimbors ta' €180 għal ħsara imġarrba, ammont li għalih ġew preżentati riċevuti.

365.3.2 L-Ombudsman irrakkomanda lill-Kunsill biex jaħtar bord biex jevalwa l-claims li l-Kunsill jirċievi. Is-Sindku qalet li l-Avukat tal-Kunsill Lokali rrakomanda li jiġu mfassla linji gwida għat-twaqqif ta' dan l-bord li se jitressqu lill-Kunsill Lokali għall-kunsiderazzjoni tiegħu. Il-Kunsill unanimament aċċetta l-parir li jinħatar bord li jkun magħmul anka minn professjonisti li jkunu indipendenti mill-Kunsill Lokali..

365.3.3 Is-Sindku ressqet talba minn residenti fi trejqa biswit Triq Inżul ix-Xemx, sabiex tingħata isem uffiċjali ħalli r-residenti jkunu jistgħu jirreġistraw il-karta tal-identita'. Hija proponiet li t-trejqa tissemma Daħlet Inżul ix-Xemx. Il-Kunsill qabel unanimament.

365.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li f'laqgħa tar-Reġjun hi proponiet li l-AGM meeting jiltaqqa' fis-Sala taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi fit-23 ta' Frar 2019. Il-membri tar-Reġjun qablu b'mod unanimu. Dettalji jingħataw iktar 'il quddiem.

**365.4 Tenders – Bord ta' Evalwazzjoni**

365.4.1 Is-Sindku qalet li intefgħet offerta waħda għat-tender LCS12/18 Maintenance and Construction of Pavements. Wara li l-offerta ġiet evalwata, il-bord jirrakkomanda lil Ivan Borg. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din ir-rakkomandazzjoni. Is-Sindku qalet li hekk kif ikun konkluż dan it-tender għandhom jibdew minnufih xogħolijiet fuq l-bankini, u tingħata prijorità lil dawk l-bankini għandhom bżonn xogħolijiet urġenti fosthom Triq il-Kbira.

365.4.2 Is-Sindku infurmat li it-tenders tal-knis u Supply of Concrete ġew ippubblikati, u talbet lill-Kunsill japprova l-pubblikazzjoni tat-tenders tat-tindif taż-żona mhux urbana. Il-Kunsill unanimament qabel.

365.4.3 Is-Sindku infurmat li kien hemm offerta waħda biss għat-tender Cleaning of Urban and Surfaced Non Urban, dik ta' Mario Mizzi. Il-Bord tal-ewalwazzjoni irrakkomanda li t-tender jingħata lil Mario Mizzi. Il-Kunsill unanimament approva.

365.4.4 Is-Sindku qalet li għat-tender Resurfacing of Roads kien hemm 3 offerti. Il-bord tal-evalwazzjoni irrakomanda lil LK fuq bażi li tefa' l-irħas offerta. Il-Kunsill unanimament approva ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

365.4.5 Is-Sindku qalet li ma kien hemm l-ebda offerta għat-tender ta' Supply and Delivery of Ready Mixed Concrete u għalhekk qed tipproponi li terġa ssir sejħa għal supply biss. Il-Kunsill unanimament qabel.

**365.5 Ħatra ta' Bord ta' l-Interviews għall-Ingaġġ ta' Skrivan Skala 13**

365.5.1 Is-Sindku infurmat li wara sejħa interna bejn il-Kunsilli Lokali kollha, daħlu żewġ applikazzjonijiet. Is-Sindku proponiet li jinħatar Bord ta' l-Interviews magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Clayton Cutajar. Il-Kunsill unanimament qabel mal-membri tal-bord.

365.5.2 Is-Sindku qalet li kien hemm applikanta li t-tlett snin esperjenza kif rekwisit kien jinkludu perjodu mpjegata mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fuq parir tal-avukat, il-Kunsill Lokali kellu jiddeċiedi hu jekk isejħilhiex għall-interview. Is-Sindku qalet li fuq parir tal-avukat, skont interpretazzjoni wiesa tal-liġi, din l-applikanta kellha l-esperjenza biex tissejjaħ għall-interview. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tissejjaħ għall-interview u tiġi evalwata minn hemm.

**365.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

365.6.1 Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv skond Artiklu 49(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363). Hija proponiet lis-Sur Silvan Bugeja, li ismu jidher fl-aħħar lista tal-Pooling tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Il-Kunsill unanimament qabel.

**365.7 Approvazzjoni ta' Performance Bonus**

365.7.1 Is-Sindku proponiet li l-istaff jingħataw il-Performance Bonus għas-sena 2018 bir-rata massima li tippermetti il-liġi. Il-Kunsill qabel unanimament.

365.7.2 Is-Sindku proponiet li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata il-Performance Bonus għas-sena 2018 bir-rata massima li tippermetti il-liġi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**365.8 Jum is-Siġġiewi 2019**

365.8.1 Is-Sindku preżentat lill-Kunsilliera draft tal-programm ta' attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi li jinkludu: Assembly fl-Iskola Primarja, sezzjoni informattiva dwar laqmijiet, quddiesa, laqgħa tal-Forum tal-Għaqdiet, Serata kommemorattiva u għoti tal-Unur Onoreficenza Siġġiewi bil-Patronċinju tal-Preident ta' Malta, attivita' fuq Xjenza fiċ-Ċentru Ċiviku organizzata ma' Esplora, serata dwar Annabelle Vassallo Youth Initiative, tberik ta' pets u mixja bil-klieb, attivita' għall-anzjani fiċ-Ċentru Ċiviku, attivita' saħħa u sport, attivita' Siġġiewi Youth Network, Segway tour, attivita kulturali bit-train mill-Għaqda Kulturali u attivita' għat-tfal żgħar (chatterbox) u possibilta' ta' exchange visit f'Għajnsielem.

365.8.2 Is-Sindku qalet ġew riċevuri dawn in-nominazzjoniijiet:
Il-Membri tal-Għaqda tan-Nar innominaw lis-Surmast Carmel Callus għas-sehem tiegħu fil-mużika u fis-Siġġiewi;
L-Għaqda Kulturali nnominat lill-Anthony Mifsud għas-sehem fl-Għaqda Kulturali u l-Każin Banda San Nikola;
Il-Kunsill irċieva nomina b'diversi firem ta' Siġġiwin biex jiġi rikonoxxut Paul Vella għas-sehem tiegħu fil-biedja u l-introduzzjoni ta' serer fis-Siġġiewi;
Kien ġie diskuss mill-Kunsilliera li jiġu rikonoxxuti l-Scouts fl-għeluq l- 20 sena mit-twaqqif tagħhom;
l-Kor Santa Ċeċilia f'għeluq is- 60 sena mit-twaqqif;
il-volontiera tal-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi li jwettqu ħidma siewja matul is-sena kollha;
u s-Siġġiewi Festival Brass Band & Social Club li kienet għaqda ewlenija li għadha ma ġietx rikonoxxuta għas-sehem tal-fundatur tagħha u għas-sehem fil-mużika u festi fis-Siġġiewi.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn lkoll jingħataw l-Unur – Onoreficenza Mertu Siġġiewi waqt is-Serata kommemorattiva ta' Jum is-Siġġiewi 2019,

**365.9 Proġetti mill-Kunsill**

365.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li xogħolijiet preliminari tal-proġett tan-Night Shelter pjanati li jibdew fi Frar. Hi qalet li x-xogħolijiet fuq il-park ta' Għar Lapsi jibda appena joħroġ il-permess mill-ERA u li l-Perit qed jiffinalizża il-pjanti tal-proġett fl-inħawi ta' San Niklaw biex issir applikazzjoni għall-fondi tal-UE mill-Majjistral Leader Project.

365.9.2 **Sqaqien tal-Bdiewa**

Is-Sindku qalet li l-kumitat magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Minority Leader li qed jevalwa l-applikazzjonijiet li għandu pendenti l-Kunsill Lokali għal xogħolijiet fis-sqaqien tal-bdiewa, qed jipproponi li:
titpoġġa torba fi sqaq lejn iċ-Ċimiterju ta' San Dawdar, fejn daħlu wkoll diversi lmenti ħabba rregolaritajiet minn razzett fl-inħawi, li qed jikkawża inkonvejnent u ħsara lill-isqaq li jużaw il-bdiewa;
li jibdew xogħolijiet fi sqaq wara l-barriera ta' Għar Lapsi, fejn l-istat ħażin ta' dan l-isqaq qed jimpedixxi l-aċċess tal-bdiewa għar-raba' tagħhom;
u li jibdew jiġu kkunsidrati talbiet għall-għoti ta' konkos ta' sqaqien żgħar.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jsiru dawn x-xogħolijiet sa massimu ta' Eur5,000.

**365.10 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

365.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi mill-aħħar Seduta sal-lum.

365.11 **Rapport tal-Korrispondenza**

365.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza riċevuta mill-aħħar Seduta sal-lum.

365.11.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar talba għal permess ta' makkinarju fi Triq il-Kbira, u għeluq tat-triq għat-traffiku għad-durata tal-permess. Il-Viċi Sindku propona li qabel jinħareġ il-permess, l-applikant għandu jagħmel kuntatt ma' TM, isir traffic management plan biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent possibbli lil min irid jgħaddi minn din it-triq speċjalment lir-residenti, jitpoġġa dawl adekwat u jiġu ordnai uffiċjali ma' kull tarf tat-triq. Il-Kunsill unanimament qabel li l–permess jinħareġ b'dawn il-kundizzjonijiet.

365.11.3 Is-Sindku rreferiet għall-korrispondenza mis-Siġġiewi Youth Nursery għal talba ta' għajnuna fl-organizzar tal-event 'Youth FA Under 11 pjanat għas-7t'April 2019. Il-Kunsill unanimament qabel li l-għajnuna ma taqbiżx il-€500.

365.11.3 Is-Sindku irreferiet għal Ċir. AKL2019/004 Laqgħa Plenarja li ser issir Għawdex fil-15 u s-16 ta' Frar, biex min hu interessat jinfurma mill-iktar fis lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli jkun jista jsir il-booking meħtieġ.

365.12 **Rapport tal-ilmenti**

365.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat rapport tal-ilmenti riċevuti bejn l-aħħar Seduta u llum.

365.13 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

365.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku proponiet li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

365.14 **Items ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

365.14.1 Is-Sindku qalet li hemm talba għal bankina ġdida fi Triq il-Knisja l-Qadima quddiem residenza li għadha fil-fażi ta' żvilupp. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-prinċipju li ssir bankina u li tintalab pjanta ta' kif ġejja il-faċċata tad-dar biex tintbagħat il-proposta lil TM.

365.14.2 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li ġie kkuntattjat mill-Artist Noel Attard li wera x-xewqa li jesibixxi biċċa xogħol tiegħu b'mod permanenti fir-roundabout f'Ta' Kilpa. Il-Kunsillier Grech qal li kellu laqgħa ma' rapprezentanti ta' Infrastructure Malta li offrew li x-xogħol ċivili jsir minn minnhom. Hu ppropona li l-Kunsill Lokali japplika għall-permessi. Is-Sindku qalet li hija wkoll kienet f'kuntatt ma' Noel Attard u Dominic Grech u kellha tiġi nfurmata b'laqgħat li jsiru f'isem il-Kunsill Lokali ma' Infrastructure Malta iżda ma ġietx mistiedna għalihom. Hi staqsiet lill-Kunsillier Dominic Grech għaliex kien għażel li jmur waħdu għal dawn il-laqgħat u għaliex ma ġietx nfurmata meta kienu qablu li jsiru laqgħat dwar dan l-monument. Is-Sindku qalet li Noel Attard infurmaha li kien fadal li jġib fondi għall-iskultura. Is-Sindku qalet ukoll li huwa prematur li l-Kunsill Lokali jagħmel spejjeż għall-permessi jekk l-artist għadu ma ġabx fondi bizzejjed biex il-Kunsill Lokali jkollu ċertezza li jista' jsir dan l-monument fis-sit propost. Kien hemm qbil li jiġi kkuntatjat l-artist biex jikkjafirika x'ġie deċiż fil-laqgħa, fid-dawl tal-fatt li la s-Sindku u qas is-Segrertarjun Eżekuttiv ma kienu mistiedna għal-laqgħa li attenda għaliha Dominic Grech waħdu, mal-artist u Infrastructure Malta.

365.14.3 Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace ġibdet l-attenzjoni rigward arbuxelli fir-roundabouts li jgħattu l-viżwal tas-sewwieqa biex jiġu trimjati.

365.14.4 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li rċieva ilment minn residenti fi Triq Dun Anton Vella rigward taħlit tal-borża s-sewda u l-borża l-bajda mill-Kuntrattur. Is-Sindku qalet li ma daħlu l-ebda lmenti simili u ma jirriżultax li dan qed ikun l-każ, tant li l-borża s-sewda qed tinġabar wara nofsinhar, hekk kif il-kuntrattur ilesti mill-ġbir tal-borża l-bajda. Iżda hi talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġbed l-attenzjoni tal-Kuntrattur bħala prekawzjoni.

365.14.5 Huwa qal ukoll li rċieva lmenti minn residenti ta' Triq il-Kbira li għadu qed jgħaddi l-iscammel il-kbir għall-ġbir ta' skart. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li bħalissa hemm żewġ kuntratturi jiġbru l-iskart, il-Kuntrattur tal-Kunsill li jiġbor il-borża s-sewda u borża bajda u li diġa ġie avzat ma jidħolx bit-trakk il-kbir, u l-Kuntrattur tal-greenMT li jiġbor il-griża u ħġieġ. Is-Sindku proponiet li ssir talba lill-GreenMT biex ma jużax trakk kbir iżda fakkret li l-kuntratt tal-ġbir ta' borża griża huwa bejn Green MT u l-kunrattur mhux kuntratt dirett mal-Kunsill Lokali. Hi qalet li l-Kunsill ħejja abbozz għall-concession agreement li għadu għand id-Dipartiment u nfurmat lill-Kunsill li diġa kienet ppproponiet li jinkludi l-kundizzjoni li ma jintużax trakk kbir, liema kundizzjoni għandha titniżżel meta jkun hemm ftehim ġdid.

365.14.6 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li rċieva diversi ilmenti rigward il-kundizzjoni ta' Sqaq tal-Lawrenti u Ta' Bellu, kif ukoll li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix f'Wied il-Lewża. Is-Sindku wieġbet li it-tender għal Supply of Concrete biex ikun jista jsir ix-xogħol fit-toroq tal-bdiewa qiegħed fil-proċess.

365.14.7 Il-Kunsillier Grech qal li rċieva ilmenti rigward nuqqas ta' knis fi Triq il-Prof. Enriko Vassallo. Huwa saqsa rigward rikjesta għal double yellow lines fi Triq San Ġorġ Preca li saret żmien ilu fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ir-rikjesta qegħda pendenti għand TM.

365.14.8 Il-Kunsillier Grech qal li sid ta' garaxx f'Binja Ramija qed isib problema biex jimmanuvra l-vettura tiegħu jekk ikun hemm ipparkjar faċċata tal-garaxx mar-roundabout. Is-Sindku proponiet li din il-problema tiġi diskussa ma' TM għall-aħjar soluzzjoni, inkluż li jiġi kkunsidrat l-użu ta' din irroundabout u li tiċċekken.

365.14.9 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li reġa kien hemm inċident tat-traffiku ikraħ fil-bypass, fejn għal darb'oħra reġa ġġarraf parapett ta' residenza. Il-Kunsill propona biex mill-iktar fis possibbli jappilika ma' TM għall-installazzjoni ta' crash barriers mad-dawra ta' din il-biċċa bankina 'accident black spot'. Il-Kunsill unanimament qabel.

365.14.10 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li residenti fi triq Mons. Mikiel Azzopardi qal li minħabba li jipparkjaw eżatt mal-linja tal-garaxx jgħalqulu l-aċċess. Is-Sindku qaltlu biex jirreferi lill-individwu fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex issir applikazzjoni ma' TM għal metru fuq kull naħa double yellow lines kif tippermetti il-liġi.

365.14.11 Il-Kunsillier Cassar semma wkoll ħofra perikoluża fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi kantuniera ma' Triq Ferdinand Hompesch.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00ta' filgħaxija u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 11 ta' Frar 2019.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv